# QORTI CIVILI
# (PRIM' AWLA)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar il-Hamis 23 ta' Frar 2017

**Rikors Numru : 265/2016JPG**

**Kawza Numru : 15**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Luis Emilio Arqueros Moreno (KI 261301(L))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Bank of Valletta p.l.c tal-1 t'April 2016, li jaqra hekk:

'*Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (K.I. numru 125969 (M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;*

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg skritturi privati, wahda minnhom datata 29 ta' Ottubru 2008 (Dok. "A") u l-ohra datata 21 ta' Jannar 2011 (Dok. "B"), fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Luis Emilio Arqueros Moreno.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Luis Emilio Arqueros Moreno fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, mitejn u disgha u tletin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€117,239.38) bilanc ghad-debitu fil-"Credit Card Loan u Loan Accounts" ta' Luis Emilio Arqueros Moreno mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Luis Emilio Arqueros Moreno:*

   *(a) naqas milli ihallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,*

   *(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati, u/jew,*

   *(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Luis Emilio Arqueros Moreno li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Luis Emilio Arqueros Moreno gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2012, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Luis Emilio Arqueros Moreno (a) naqas milli ihallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b)*

*kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Luis Emilio Arqueros Moreno li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Luis Emilio Arqueros Moreno ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sbatax-il elf, mitejn u disgha u tletin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€117,239.38) bilanc ghad-debitu fil-"Credit Card Loan u Loan Accounts" ta' Luis Emilio Arqueros Moreno mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affissjoni (a fol 31); permezz ta' gazzetta lokali (a fol 34), u permezz ta' pubblikazzjoni ta' Gazzetta tal-Gvern (a fol 40)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2017, is-socjeta' rikorrenti ddikjarat li ma fadalliex aktar provi x'tipproduci.

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti lill-intimat fit-23 ta' Jannar 2017 sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ill l-intimat baqa' inadempienti;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Johanna Bartolo** xehdet permezz ta' affidavit a fol 28C *et seq* tal-process illi is-socjeta rikorrenti kienet ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat permezz ta' zewg skritturi privati datati 29 ta' Ottubru 2008 u 21 ta' Jannar 2011. Ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti tinsab kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' €117,239.38 rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*Credit Card Loan* u *Loan Acounts* flimkien ma' imghaxijiet ulteruri mill-1 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

**Marisa Debono** a fol 43, xehdet illi l-kont tal-intimat kien jaqa' fl-ambitu tad-doveri taghha u illi s-socjeta rikorrenti kellha tintavola dawn il-proceduri peress illi l-ahhar depozitu li sar mill-intimat kien fit-18 ta' April 2011. Xehdet illi l-*house loan* li kien ha l-intimat kienet fl-ammont ta' €86,000 b'rata ta' imghax ta' 5.25%. Fir-rigward tal-*credit card account* xehdet illi s-self qieghed ta' €3,615.36 bhala kapital, oltre imghax bir-rata ta' 8.7%. Hija kkonfermat illi l-ammont pagabbli mill-intimat huwa ta' €112,396.80 fir-rigward tal-*house loan* u €4,842.58 fir-rigward tal-*credit card loan,* oltre l-imghax.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifika, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, apparti l-fatt li ma prezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu minkejja li gie moghti zmien skont il-ligi sabiex jaghmel dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-***

> ***talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika.***
> >
> > ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, m'hemm l-ebda eccezzjoni sollevabbli *ex officio* u illi s-socjeta rikorrenti resqet provi sufficjenti fir-rigward tat-talbiet taghha, u ghaldaqstant ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tordna lill-intimat hallas lill-istess socjeta rikorrenti is-somma ta' mija u sbatax -il elf, mitejn u disgha u tletin ewro u tmienja u tletin centezmu (€117,239.38) flimkien mal-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**